## Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fit-Tieni Sena Kindergarten

Inħabbru li l-Kulleġġ St Albert the Great se jiftaħ żewġ klassijiet fit-tieni sena kindergarten fil-Fgura. Fil-ġranet li ġejjin se jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tat-tfal tal-impjegati u tal-aħwa tal-Kulleġġ St Albert. Il-postijiet vakanti li jibqa jiżdiedu ma' dawk li qed inħabbru.

F'Novembru 2019 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2020-2021. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għat-Tieni Sena Kindergarten.

### It-Tieni Sena Kindergarten Subien Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten subien mainstream huwa ta' mitt (100) post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 10 |
| *1ċ Aħwa* | 28 |
| ***Total*** | **38** |

Tlett applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li jistgħu jokkupaw post fi skola oħra, iħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu.

### It-Tieni Sena Kindergarten Subien li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 11-il post.

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---:|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 1 |
| *1ċ Aħwa* | 2 |
| ***Total*** | **3** |

In-numru ta' applikazzjonijiet li rċevejna tal-Ewwel Kriterju jippermetti li jintlaqgħu applikazzjonijiet tat-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra" subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.

## It-Tieni Sena Kindergarten Bniet Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għat-tieni sena kindergarten bniet mainstream huwa ta' tliet mija u disgħa (309) postijiet.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---:|
| *1a Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 25 |
| *1ċ Aħwa* | 73 |
| *1ġ Tfal tal-impjegati fi skola oħra* | 11 |
| ***Total*** | **110** |

## It-Tieni Sena Kindergarten Bniet li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti n-numru ta' postijiet offruti lill-Każijiet Serji għal bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa ta' 29 post.

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---:|
| *1b Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 3 |
| ***Total*** | **3** |

In-numru ta' applikazzjonijiet li rċevejna tal-Ewwel Kriterju jippermetti li jintlaqgħu applikazzjonijiet tat-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra" bniet li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.

## Konklużjoni

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**23 ta' Jannar 2020**

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

Indirizz Postali
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

Tel. +356 25906306 / 25906309
Email. admissions@maltadiocese.org
www.knisja.mt